



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

3 ta' Ottubru 2019\*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Is-Sitt Direttiva 77/388/KEE – Eżenzjonijiet – Punt 3 tal-Artikolu 13(B)(d) – Tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-pagamenti – Servizzi pprovdu minn kumpannija lil bank relatati mal-operat ta' distributuri awtomatiċi ta' flus"

Fil-Kawża C-42/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Jannar 2018, fil-proċedura

**Finanzamt Trier**

vs

**Cardpoint GmbH**, aventi kawża ta' Moneybox Deutschland GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal (Relatur), President tal-Awla, F. Biltgen, J. Malenovský, C. G. Fernlund u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Cardpoint GmbH, minn M. Robisch, Steuerberater, u J. Habla, Rechtsanwältin,
- għall-Gvern Ġermaniż, inizjalment minn T. Henze u R. Kanitz, sussegwentement minn R. Kanitz, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Jokubauskaité u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2019,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 3 tal-Artikolu 13(B)(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-“Sitt Direttiva”).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Finanzamt Trier (iċ-Ċentru tat-Taxxa ta' Trier, il-Ġermanja) u Cardpoint GmbH, aventi kawża ta' Moneybox Deutschland GmbH, dwar ir-rifut ta' din l-amministrazzjoni li tagħti lil din tal-aħħar eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal servizzi pprovduti lil bank relatati mal-operat ta' distributuri awtomatiċi ta' flus.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Is-Sitt Direttiva*

- 3 L-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva huwa fformulat kif ġej:

“Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijet oħra tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jeżentaw li ġej taħt il-kondizzjonijiet li huma għandhom jistabilixxu għall-iskopijiet biex jassiguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' l-eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe eżenzjoni possibbli, evitar u abbuż:

[...]

- (d) it-transazzjonijet li ġejjin:

[...]

3. transazzjonijet, inkluż negozjar, li jikkonċerna d-depożitu u l-kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti, ċekkijiet u strumenti oħrajn negozjabbbli, imma esklużi l-kollezzjoni tad-debitu u l-fattorar;

[...]"

### *Id-Direttiva dwar il-VAT*

- 4 Mill-1 ta' Jannar 2007, is-Sitt Direttiva tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifica fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar il-VAT”).

- 5 L-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva dwar il-VAT jiipprevedi li:

“L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijet li ġejjin:

[...]

- (d) transazzjonijet, inkluż negozjar, li jikkonċernaw kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti, ċekkijiet u strumenti oħrajn negozjabbbli, imma eskluża l-kollezzjoni tad-debitu”.

### ***Id-dritt Ġermaniż***

- 6 Skont l-Artikolu 4(8)(d) tal-Umsatzsteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ), huma eżentati mill-VAT:

“It-tranżazzjonijiet, u n-negozjar tat-tranżazzjonijiet, li jikkonċernaw id-depożiti tal-flus, il-kontijiet kurrenti, il-pagamenti u t-trasferimenti, u l-ġbir ta’ strumenti negozjablli.”

### **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

- 7 Cardpoint kienet twettaq għall-kliment tagħha, li huwa bank, servizzi relatati mal-operat ta’ distributuri awtomatiċi ta’ flus. Din il-kumpannija kienet responsabbi sabiex iżżomm operazzjonali dawn id-distributuri. Għal dan il-ġhan, hija kienet tinstalla ġardwer f’dawn id-distributuri kif ukoll ċertu softwer neċċesarju għall-funzjonament tajjeb tagħhom. Barra minn hekk, hija kienet inkarigata mit-trasport tal-flus, impoġġija għad-dispożizzjoni mill-bank, u mill provvista ta’ flus fid-distributuri awtomatiċi. Fl-aħħar nett, hija kienet tagħti pariri dwar il-funzjonament ta’ dawn id-distributuri.
- 8 Skont il-qorti tar-rinvju, it-tranżazzjonijiet ta’ ġbid ta’ flus kien jseħħu kif ġej. Meta detentur ta’ kont bankarju kien jintroduċi l-karta bankarja tiegħu f’distributur awtomatiku ta’ flus, softwer speċifik kien jaqra d-data partikolari ta’ din il-karta bankarja. Cardpoint kienet tivverifikasi din id-data u kienet titlob lil Bank-Verlag GmbH l-awtorizzazzjoni sabiex twettaq il-ġbid ta’ flus mixtieq. Din l-aħħar kumpannija kienet tibgħat it-talba lin-netwerk interbankarju, li, min-naħħa tiegħu, kien jittrażmettiha lill bank li jkun ħareġ il-karta bankarja kkonċernata. Dan il-bank kien jivverifikasi jekk id-detentur kellux bizzżejjed fondi fil-kont bankarju u kien jibgħat, permezz tal-istess katina ta’ trażmissjoni, l-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-ġbid ta’ flus mixtieq. Fil-każ ta’ aċċettazzjoni, Cardpoint kienet teżegwixxi dan il-ġbid ta’ flus mid-distributur awtomatiku u kienet tiġġenera fajl tad-data dwaru. Hijra kienet tibgħat dan il-fajl tad-data bħala ordni għal ħlas lill-kliment tagħha, jiġifieri l-bank li kien jopera d-distributur awtomatiku ta’ flus inkwistjoni. Dan tal-aħħar kien idaħħal il-fajls tad-data mingħajr ma jbiddel xejn fis-sistema tad-Deutsche Bundesbank (il-Bank Federali Ġermaniż, iktar ’il quddiem il-“BBK”). Cardpoint kienet tiġġenera wkoll lista li ma tistax tinbidel tat-tranżazzjonijiet kollha li jsiru f'għurnata partikolari, li kienet tintbagħha ukoll lill-BBK. Dawn il-fajls tad-data kienet jippermettu li jiġi stabbilit id-dritt ta’ kreditu tal-bank li kien jopera d-distributur awtomatiku ta’ flus inkwistjoni fil-konfront tal-bank tad-detentur tal-kont li jkun ġibed il-flus, kif ukoll l-ispejjeż relationali.
- 9 Fis-7 ta’ Frar 2007, Cardpoint ippreżentat dikjarazzjoni emodata tal-VAT għas-sena 2005 u talbet li l-avviż tat-taxxa eżistenti jiġi emendat, billi sostniet li s-servizzi pprovduti minnha relatati mal-operat ta’ distributuri awtomatiċi ta’ flus kien eżentati.
- 10 Wara li din it-talba ġiet miċħuda miċ-Ċentru tat-Taxxa ta’ Trier, il-Finanzgericht Rheinland-Pfalz (il-Qorti tal-Finanzi ta’ Rheinland-Pfalz, il-Ġermanja) laqgħet ir-rikors ippreżentat minn Cardpoint, għar-raġuni li s-servizzi pprovduti minn din il-kumpannija kellhom jitqiesu li huma “tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-pagamenti”, fis-sens tas-Sitt Direttiva, u, minħabba f'hekk, eżentati mill-VAT.
- 11 Iċ-Ċentru tat-Taxxa ta’ Trier ressaq il-kawża quddiem il-qorti tar-rinvju fil-kuntest ta’ proċedura ta’ Reviżjoni. Din il-qorti ssospendet il-kawża sal-ġhoti tas-sentenza tas-26 ta’ Mejju 2016, Bookit (C-607/14, iktar ’il quddiem is-“sentenza Bookit”, EU:C:2016:355).
- 12 L-imsemmija qorti tistaqsi jekk is-servizzi pprovduti minn Cardpoint għandhomx jiġu kklassifikati bħala “servizzi tekniċi u amministrattivi”, skont is-sentenza Bookit, liema servizzi ma jikkostitwixxu “tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-pagamenti”, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva. Fil-fehma tagħha, dawn huma servizzi ta’ assistenza simili għal dawk inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Bookit, peress li s-servizzi ta’ Cardpoint huma limitati għall-eżekuzzjoni teknika tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-bank.

- 13 Is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha xebh ieħor mas-sitwazzjoni li kienet is-suġġett tal-imsemmija sentenza. B'hekk, Cardpoint tikseb id-data dwar il-karta bankarja tad-detentur tal-kont ikkonċernat u tibgħat din id-data lill-bank li ħareġ din il-karta bankarja. Cardpoint twettaq it-tranżazzjoni ta' ġbid ta' flus biss wara li tkun irċeviet l-awtorizzazzjoni minn dan tal-aħħar. Għaldaqstant, din il-kumpannija ma hijiex responsabbi li tivverifika u tapprova ordnijiet individwali.
- 14 Għalkemm, kuntrajament għas-sitwazzjoni li kienet is-suġġett tas-sentenza Bookit, il-kawża prinċipali ma tikkonċernax tranżazzjonijiet ta' xiri u bejgħ ta' biljetta taċ-ċinema, iżda servizzi relatati ma' ġbid ta' flus kontanti minn distributuri awtomatiċi ta' flus, din id-differenza ma tiġġustifikax trattament differenti fil-qasam tal-VAT, peress li, fiż-żewġ każiġiet, is-servizz kien jikkonsisti, essenzjalment, fi skambju ta' informazzjoni u assistenza ta' natura teknika u amministrattiva.
- 15 Minkejja dan, din il-qorti tistaqsi jekk għandux jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-kawża prinċipali, kuntrajament għas-sitwazzjoni tal-kawża li tat lok għas-sentenza Bookit, ma hemmx kuntratt ta' bejgħ separat flimkien mat-tranżazzjoni ta' pagament. Madankollu, hija tqis li mis-sentenza Bookit ma jirriżultax li s-servizzi ta' assistenza teknika għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti skont it-tranżazzjoni inkwistjoni.
- 16 Barra minn hekk, fiż-żewġ sitwazzjonijiet, il-korrispettiv tas-servizz jista' jiġi stabbilit faciilment, filwaqt li l-eżenzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji hija intiżza, b'mod partikolari, sabiex jiġu kkumpensati d-diffikultajiet eventwali marbuta mal-istabbiliment tal-valur taxxabbi kif ukoll tal-ammont tal-VAT li jista' jitnaqqas.
- 17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:  
“Is-servizzi tekniċi u amministrattivi li fornitur ta' servizzi jipprovdi għal bank bl-użu ta' distributur awtomatiku ta' biljetta [flus] u għall-ħlasijiet fi flus kontanti minn dan il-bank permezz tad-distributur awtomatiku huma eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud skont il-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) [tas-Sitt Direttiva], minkejja li, skont is-sentenza [Bookit], skont id-dispożizzjoni hawn fuq imsemmija, is-servizzi tekniċi u amministrattivi simili li fornitur ta' servizzi jipprovdi għall-ħlasijiet b'karta bankarja fil-kuntest tal-bejgħ ta' biljetta taċ-ċinema ma humiex?”

### Fuq id-domanda preliminari

- 18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi tranżazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti eżentata mill-VAT, prevista minn din id-dispożizzjoni, il-provvista ta' servizzi mogħtija lil bank li jopera distributuri awtomatiċi ta' flus, li tikkonsisti fl-operat u fil-manutenzjoni ta' dawn id-distributuri, fil-provvista ta' flus fihom, fl-installazzjoni ta' hardwer u ta' softwer fihom, fit-trażmissjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' ġbid ta' flus lill-bank li ħareġ il-karta bankarja użata, fid-distribuzzjoni tal-flus mitluba u fir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ġbid ta' flus.
- 19 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-eżenzjoni minn din id-direttiva, applikabbi *ratione temporis* f'dan il-każ, huma riprodotti b'mod identiku fl-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva dwar il-VAT. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din l-aħħar dispożizzjoni hija għalhekk rilevant għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni ġewwa kien qed-imbekk is-servizzi tekniċi u amministrattivi simili li jipprovdi għall-ħlasijiet b'karta bankarja.
- 20 Għandu jiġi nnotat ukoll li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 24 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-ġbid ta' flus minn distributur awtomatiku ta' flus huwa “servizz ta' pagament”, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda t-“tranżazzjoni minn din il-pagamenti”, fis-sens

tas-Sitt Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huma wkoll applikabbi għal dawn tal-aħħar il-kunsiderazzjonijiet relatati mat-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw it-trasferimenti, imsemmija minn din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, SDC, C-2/95, EU:C:1997:278, punt 50).

- 21 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jista' jiġi dedott minn ġurisprudenza stabbilita li, sabiex jiġu kklassifikati bħala “tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-pagamenti”, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva, is-servizzi inkwistjoni għandhom jifformaw xi ħażja distinta, evalwata b'mod globali, li għandha bħala effett li tissodisfa l-funzjonijiet spċifici u essenziali ta' trasferimenti u, għalhekk, li għandha bħala effett li tittrasferixxi fondi u li twassal għal modifikasi legali u finanzjarji. F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn is-servizz eżentat fis-sens tas-Sitt Direttiva u l-provvista ta' sempliċi servizz materjali jew tekniku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bookit, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 22 Għaldaqstant, l-aspetti funzjonali huma deċiżivi sabiex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni tikkonċernax il-pagamenti, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva. Il-kriterju li jippermetti li ssir distinzjoni bejn tranżazzjoni li għandha bħala effett li jiġi ttrasferiti fondi u li twassal għal modifikasi legali u finanzjarji, li jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni, u tranżazzjoni li ma għandhiex tali effetti u li, għaldaqstant, ma taqx taħtha, jikkonsisti fil-kwistjoni dwar jekk it-tranżazzjoni kkunsidra tittrasferixx, b'mod effettiv jew potenzjali, il-proprietà tal-fondi inkwistjoni, jew għandhiex bħala effett li tissodisfa l-funzjonijiet spċifici u essenziali ta' tali trasferimenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Bookit, punt 41, kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS, C-5/17, EU:C:2018:592, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 23 Għalkemm il-fatt, għall-fornejta ta' servizzi kkonċernat, li direttament jaddebita u/jew jakkredita huwa stess kont, jew inkella li jintervjeni permezz ta' dħul fil-kontijiet tal-istess proprijetarju, jippermetti, bħala prinċipju, li jitqies li din il-kundizzjoni hija ssodisfata u li tiġi stabbilita n-natura eżentata tas-servizz inkwistjoni, il-fatt waħdu li dan is-servizz ma jinkludix direttamente tali kompitu ma jistax madankollu jeskludi awtomatikament li dan jista' jaqa' taħt l-eżenzjoni, u dan meta jitqies li l-interpretazzjoni mfakkra fil-punt 21 ta' din is-sentenza ma tippreġudikax il-modalitajiet ta' twettiq tal-pagamenti (ara, b'analoġija, is-sentenza Bookit, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 24 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tingħata risposta għad-domanda magħmula.
- 25 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinvju jirriżulta li Cardpoint ma kinitx taddebita hija stess il-kontijiet bankarji kkonċernati, iżda kienet tipproċedi bir-rilaxx fiżiku tas-somom ta' flus miġbuda mid-distributuri awtomatiki ta' flus li l-manutenzjoni tagħhom kienet tiġi żgurata minnha. Barra minn hekk, ma kinitx tapprova t-tranżazzjonijiet hija stess. Fil-fatt, Cardpoint ma kellhiex setgħa ta' deċiżjoni għal dak li jirrigwarda t-tranżazzjonijiet ikkonċernati, iżda kienet tittrażżmetti data, permezz ta' katina ta' intermedjarji, lill-bank li ħareġ il-karta bankarja użata, u kienet teżegwixxi l-istruzzjonijiet li joriġinaw minn dan il-bank billi tipproċedi bid-distribuzzjoni tal-flus mitluba. Sussegwentement, hija kienet tiġġenera fajl tad-data dwar il-ġbid tal-flus inkwistjoni li kienet tittrażżmetti bħala ordni għal ħlas lill-kljent tagħha, jiġifieri l-bank li kien jopera d-distributur awtomatiku ta' flus inkwistjoni.
- 26 Minn dan jirriżulta li s-servizzi pprovduti minn Cardpoint ma jidhru li huma ta' natura li jwettqu trasferimenti ta' fondi u lanqas li jwasslu għall-modifikasi legali u finanzjarji li jikkaratterizzaw “tranżazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti”, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva. Ċertament, kuntrarjament għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Bookit, is-servizzi pprovduti minn Cardpoint ma kinux limitati għal skambju ta' data bejn il-bank emittenti u l-bank li jopera d-distributur awtomatiku ta' flus inkwistjoni, iżda kienet jikkonċernaw ukoll id-distribuzzjoni fiżika tal-flus. Madankollu, ir-rilaxx ta' flus waqt il-ġbid ta' flus minn distributur awtomatiku ta' flus ma kienx jikkostitwixxi trasferimenti tal-proprietà minn Cardpoint lill-utent ta' dan id-distributur. Huwa l-bank li ħareġ il-karta bankarja li kien jagħti l-awtorizzazzjoni għall-ġbid tal-flus, li kien jaddebita l-ammont korrispondenti mill-kont bankarju tal-utent tal-imsemmi distributur u li kien jittrasferixxi l-proprietà tal-flus direttamente lil dan l-utent.

- 27 Barra minn hekk, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa biss il-bank li jopera d-distributur awtomatiku ta' flus inkwistjoni li kien idaħħal il-fajls tad-data fis-sistema tal-BBK. Għal dak li jirrigwarda l-fajl tad-data ta' kuljum, li ma jistax jinbidel u li jinkludi fih it-tranżazzjonijiet kollha ġġenerati f'dak il-jum minn Cardpoint u li jinbagħat lill-BKK, dan kellu l-għan li jininformaha bit-tranżazzjonijiet awtorizzati mwettqa u, għalhekk, ma jistax jitqies li jissodisfa l-funzjonijiet speċifiċi u essenziali ta' pagament.
- 28 L-interpretazzjoni li tgħid li s-servizzi pprovduti minn Cardpoint ma jidhru li huma ta' natura li jwettqu trasferiment ta' fondi li jinvolvu modifikasi legali u finanzjarji li jikkaratterizzaw tranżazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti ma hijiex invalidata mill-fatt li s-servizzi pprovduti minn Cardpoint, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-ġbir tad-data u t-trażmissjoni tagħha kif ukoll ir-rilaxx tal-flus, kienu indispensabbli sabiex titwettaq tranżazzjoni eżentata li tikkonċerna l-pagamenti. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fid-dawl tal-interpretazzjoni stretta tal-eżenzjonijiet tal-VAT, dan il-fatt waħdu ma jippermettix li jiġi konkluż li l-imsemmija servizzi huma eżentati jekk il-kriterji l-oħra li jinsabu fil-punti 21 u 22 ta' din is-sentenza ma humiex issodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS, C-5/17, EU:C:2018:592, punt 43).
- 29 Tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-pagamenti", imsemmi fil-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva, hija barra minn hekk sostnuta mill-għan ta' din id-dispożizzjoni, li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa li jiġu kkumpensati d-diffikultajiet eventwali marbuta mal-istabbiliment tal-korrispettiv tas-servizz u għalhekk tal-bażi taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bookit, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-korrispettiv riċevut minn Cardpoint għall-provvista tas-servizzi tagħha huwa identifikabbli mingħajr diffikultajiet partikolari.
- 30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma tikkostitwixxix tranżazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti eżentata mill-VAT, prevista minn din id-dispożizzjoni, il-provvista ta' servizzi mogħtija lil bank li jopera distributuri awtomatiċi ta' flus, li tikkonsisti fl-operat u fil-manutenzjoni ta' dawn id-distributuri, fil-provvista ta' flus fihom, fl-installazzjoni ta' hardwer u ta' softwer fihom, fit-trażmissjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' ġbid ta' flus lill-bank li ħareġ il-karta bankarja użata, fid-distribuzzjoni tal-flus mitluba u fir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ġbid ta' flus.

## Fuq l-ispejjeż

- 31 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma tikkostitwixxix tranżazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti eżentata mill-VAT, prevista minn din id-dispożizzjoni, il-provvista ta' servizzi mogħtija lil bank li jopera distributuri awtomatiċi ta' flus, li tikkonsisti fl-operat u fil-manutenzjoni ta' dawn id-distributuri, fil-provvista ta' flus fihom, fl-installazzjoni ta' hardwer u ta' softwer fihom, fit-trażmissjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' ġbid ta' flus lill-bank li ħareġ il-karta bankarja użata, fid-distribuzzjoni tal-flus mitluba u fir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ġbid ta' flus.**

Firem